MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 476/2002

**Rikors numru 476/02DM**

Public Broadcasting Services Limited

**Vs**

**Aspects Limited**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta' elfejn tmien mija u hamsa u tletin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmi (Lm2,835.82), dovut minnhom lis-socjeta attrici bhala prezz ta' servizzi ta' reklamar rezi lilhom fuq il-mezzi tax-xandir tal-kumpanija attrici u dan skond ftehim milhuq bejnithom.

Bl-imghax mid-data tas-servizz moghti u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-9 t'April, 2002, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati la dehru jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma dehru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' elfejn tmien mija u hamsa u tletin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmi (Lm2,835.82), ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mid-9 t' April 2002;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Magt Dr D. Montebello BA LLD

Sandra Farrugia
Dep Reg
Civ A

.